# L-ARTI FIL-KNEJJES MALTIN

**jikteb John A. Galea**

Il-Knejjes tagħna nistgħu nqisuhom bħala l-benniena ta' l-arti f'Malta. Nistgħu liberament ngħidu li fihom insibu l-aqwa teżori ta' arti li għandna f'pajjiżna. F'Malta għandna wkoll palazzi li huma mogħnija b'xogħolijiet artistiċi, iżda dawn huma relattivament ftit meta mqabbla ma' pajjiżi oħra, u tista' tgħid tgħoddhom fuq ponot subgħajk. Dan wassal biex missirijietna 'ħlew' il-kapaċitajiet kollha tagħhom fil-Knejjes tagħna.

Imqanqlin mill-fidi tagħhom u miż-żelu li kellhom li jaraw it-Tempju t'Alla mgħammar kif jixraq, huma dejjem raw li jkollhom l-aqwa xogħlijiet fil-knejjes tagħna. Ma' dan wieħed irid iżid biex.jekk jista' jkun ix-xogħol li kien isir kien ikun aħjar minn dak diġa' eżistenti fi knejjes oħra.

Ma rridux ninsew ukoll li missirijietna ma kienux jaħdmu tant għall-flus. Huma kienu kburin bix-xogħol tagħhom u ħafna drabi l-ħlas kien ikun is-sodisfazzjon kbir li kienu jħossu meta jaraw ix-xogħol tagħhom lest u mqiegħed f'postu. Għalhekk għidt li missierijeitna 'ħlew' il-kapaċitajiet tagħhom fil-knejjes tagħna għax kienu jaraw kif jagħmlu biex għall-belt jew raħal twelidhom, jekk jista' jkun, ikollhom l-aqwa opri.

**Teżori f'kull qasam ta' l-Arti.**

L-ewwel biċċa xogħol kbira li għamlu l-antenati tagħna kienet bla dubju ta' xejn il-bini ta' tant knejjes sbieħ. Ħafna knejjes Maltin huma gawhra ta' l-arkitettura, b'ordnijiet diversi u bi skultura fil-ġebla li tpaxxi l-għajn. Dawn ġew mibnija b'reqqa kbira taħt id-direzzjoni ta' Arkitetti ta' ħila kbira bħalma kienu Cassar, Dingli, Zammit, Grognet, Barbara u oħrajn.

Malli jitlesta l-bini kienu jaħsbu għad-dekorazzjoni, u hawn min jaf hemm disinjaturi, skulturi u induraturi taw sehemhom. Hawn tidħol predominanti l-arti tal-Pittura li bla dubju ta' xejn fuqha biss tista' tikteb volumi kbar. Xogħlijiet mill-aqwa u kapolavuri li jżejnu t-tempji tagħna minn artisti kbar bħalma kienu Erardi, Preti, Zahra, Buhagiar u Cali'. Predominanti wkoll huma x-xogħlijiet li nsibu fl-irħam, speċjalment fil-pavimenti u fl-artali.

F'kull belt u raħal għandek issib vari tat-titular kif ukoll ta' qaddisin oħra, u vari tal-Ġimgħa l-Kbira fl-injam jew fil-kartapesta. Xogħlijiet ta' surmastrijiet kbar bħal Gafa', Psaila, Azzopardi, Marjanu u Darmanin. Kullimkien issib xi bankun artistiku - xogħlijiet kbar oħra fl-injam - pulpti, antiporti, niċeċ, kaxxaretti u bankuni tas-sagristiji.

Fit-tiżjin tal-knejjes tagħna żgur li ser tiltaqa' ma xogħol ta' rakkmu delikat fit-trieħi, purtieri, ventartali, baldakkini u standardi, kif ukoll fl-abiti sagri tal-festa - dawk li kollettivament insejħulhom l-'apparat'. U la qed insemmu d-drappijiet wieħed ma jridx jinsa d-damask aħmar sabiħ li jiksi l-knejjes tagħna fil-jiem tal-festa.

Insibu xogħlijiet fl-injam, indurati b'reqqa kbira - ventartali, pedestalli, sopraporti, gandlieri, appostli ta' l-artali u tużelli. Ħafna drabi naraw xogħlijiet mill-isbaħ fil-fidda - gandlieri żgħar u kbar, lampieri, pedestalli, karti tal-glorja, ġilandri, kalċijiet u ħwejjeġ oħra li jintużaw għas-servizz liturġiku. Dawn l-opri fil-fidda huma ta' preġju kbir speċjalment dawk tal-fidda Maltija antika, xi drabi anke maħdumin 'a martello'.

Ma' dawn wieħed irid iżid xogħlijiet prezjużi oħra bħalma huma manuskritti għat-talb u għall-kant, linef u brazzi tal-kristall antik, buketti tal-ġanutilja - sengħa li sfortunatament spiċċat minn fostna, xi suġġetta li kienet tintuża għat-trasport tal-Vjatku, pultruni antiki u diversi oħrajn.

Anke ħafna mill-qniepen tagħna huma xogħol ta' Maltin. U aħna ġo Bormla kellna lil Guliu Cauchi li hu magħruf sew għall-qniepen li għamel għall-knejjes imxerdin ma' Malta kollha.

La qed insemmu l-arti ma nistgħux ninsew dik mużikali - u hawn ukoll l-aqwa kompożizzjonijiet Maltin inkitbu għas-servizzi Liturġiċi - quddies, għosrien, antifoni, Tantum Ergi, Salve Reġiniet, u mitt ħaġa oħra - xogħlijiet ta' surmastrijiet Maltin bħalma kienu Bugeja, Nani, Diacono, Caruana u Camilleri.

Dawn kollha huma opri li nsibu fil-knejjes tagħna - li missirijietna min jaf kemm ħallsu bl-għaraq ta ġbinhom biex jarawhom iżejnu t-tempju t'Alla u tal-Qaddis titular tal-Parroċċa tagħhom. Opri kbar li kultant iġagħluna nidħlu ftit fina nfusna u nistaqsu - Imma aħna l-knejjes tagħna nħobbuhom u ngħożżuhom daqs missirijietna?

*Ikompli f'paġna 17*

*Ikompli minn paġna 15*

**Il-Knisja tagħna - Ta' Bormla**

Jekk il-knejjes ta' kull rokna ta' gżiritna għandhom, kull waħda minnhom, x'wieħed japprezza u jammira, bla dubju ta' xejn it-tempju ddedikat lill-Marija MMakulata ġo Beltna nistgħu nqisuh bħal ġawhra ta' arti fih innifsu. Daqqa t'għajn lejn il-knisja tagħna fil-jiem tal-festa u nindunaw li dawn l-ingredjenti kollha qegħdin hemm. Missirijietna ħasbu biex ikollna l-aħjar pitturi, l-aħjar disinjaturi, fosthom il-Bormliż Abraham Gatt li nistgħu ngħidu l-knisja tagħna hi monument ħaj tiegħu. Fost l-oħrajn insibu diversi opri tal-fidda fosthom il-gandlieri u l-appostli tal-maġġur, ventartali, l-vara u l-pedestall tagħha, is-sopraporta tal-Kor, plakki tal-brazzi, messalli u karti tal-glorja. Hawn ta' min isemmi li l-ventartal tal-maġġur, li din is-sena ġie mnaddaf u rrestawrat, sar fuq disinn ta' Nikola Zammit u x-xogħol fil-fidda sar minn Cannataci - l-aqwa arġentier li qatt rat gżiritna.

Ma nispiċċa qatt jekk noqħod insemmi kollox iżda l-knisja ta' Bormla ma hi nieqsa minn xejn minn dan li semmejt, għax anke fejn tidħol mużika, is-Surmast Carlo Diacono ħaseb biex kiteb għal-Kunċizzjoni dik l-antifona li nisimgħu fil-ġranet tal-festa, l-'Hodie'.

Mhux ta' b'xejn aħna l-Bormliżi kburin bil-knisja tagħna. J'Alla nagħmlu ħilitna kollha biex dan il-patrimonju li ħallewlna missirijietna ngħożżuh u nibżgħu għalih biex inħalluh lil ta' warajna bħala xhieda ħajja tal-fidi li kellhom missirijietna u li nispera għandna aħna lkoll.



**X'uħud mil-membri tal-għaqda Dilettanti tal-Festa li taw l-għajnuna tagħhom matul din is-sena.**

*Bil-wieqfa mix-xellug:* **Charles Cauchi, Patrick Agius, Gordon Harvey.**
*Bil-qiegħda mix-xellug:* ***Emmanuel Aguis, Piju Galea, Paul Bonello.***